27 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir. L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Galea et. *versus* Nutar Dr. Antonio Galea, LL.D.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Benefiċċju tal-"Foro" — Kompetenza — Nullità — Art. 792 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*L-eċċezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-istanza, li tammonta għan-nullità ta' l-istanza, mhux biss hija kwistjoni essenzjalment preliminari għal ma hija dik ta' l-inkompetenza, imma anzi tirbaħ lil dik ta' l-inkompetenza. Għax jekk hi nulla l-istanza, allura t-tribunal, għandu jew ma għandux ġurisdizzjoni, ma jistax jieħu konjizzjoni tal-kawża, stante li ma jkunx investit debitament biha; u lanqas jista' jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza. L-istess kwistjoni ta' l-inkompetenza jeħtieġ li tiġi diskussa fuq istanza valida; u għalhekk hi l-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-attijiet li tista' tiġi preġudikata jekk min jeċċepiha jkun ipproċeda għal attijiet oħrajn. Wara li jiġi maqtugħ jekk l-istanza hix valida jew le, u fil-każ li jiġi maqtugħ li hi valida, allura jiġi diskuss u deċiż jekk, malgrado li l-istanza hija ritwalment valida, it-tribunal huwiex kompetenti jieħu konjizzjoni tagħha.*

*Għaldaqstant, jekk l-intimat quddiem il-Board tal-Kera, wara li jkun qajjem diversi kwistjonijiet dwar ir-ritwalità jew le tar-rikors preżentat kontra tiegħu, jissolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Board minħabba r-residenza tiegħu fi Gżira diversa, dik l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ma tistax tiġi respinta fuq il-motiv li kien imissha ġiet mogħtija "in limine litis", jekk meta ġiet mogħtija kienu ġew diskussi kwistjonijiet dwar ir-ritwalità jew le ta' l-istanza.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Joseph u Francis aħwa Galea quddiem il-Board tal-Kera għal Għawdex, li bih talbu li jieħdu taħt idejhom il-fond fin-numru 41, Market Street, Victoria, Għawdex, li jinsab mikri għand l-intimat bi £8 fis-sena u l-

kera jagħlaq fl-aħħar ta' April, 1955; u din it-talba saret għaliex ir-rikorrenti qalu li għandhom bżonn il-fond għall-użu tagħhom;

Rat il-verbal tal-31 ta' Marzu, 1955, li bih l-intimat eċċepixxa l-inkompetenza ta' dak il-Board, billi tant l-intimat kemm is-sid preċedenti ta' dan il-fond, li minn għandu kien sar il-kera, kienu u għadhom jirrisjedu Malta, u bi ftehim bejniethom il-ħlas tal-kera kellu jsir Malta;

Rat il-verbal tad-19 ta' April, 1955, li bih ir-rikorrenti *ddikjaraw illi l-eċċezzjoni deklinatorja tal-Board mhix attendibili*, billi ġiet mogħtija wara illi l-intimat issolleva kwistjonijiet oħra li bihom irrikonoxxa l-kompetenza ta' l-istess Board;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tal-5 ta' Mejju, 1955, li biha ddeċieda billi ddikjara li l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat dwar il-kompetenza ta' dan il-Board ma ġietx sollevata "in limine litis", u għalhekk mhix attendibili, u ddifferixxa *r-rikors għall-kontinwazzjoni*; wara li kkunsidra, dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza;

L-intimat eċċepixxa l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dan il-Board għar-raġuni li tant hu, kemm is-sid preċedenti tal-fond, kienu jirrisjedu Malta, u bi ftehim bejniethom il-ħlas tal-kera kellu jsir Malta. Għal din l-eċċezzjoni r-rikorrenti objettaw li l-imsemmija eċċezzjoni mhix attendibili, billi ġiet mogħtija wara li l-intimat issolleva kwistjonijiet oħra li bihom irrikonoxxa l-kompetenza ta' l-istess Board;

Illi għas-soluzzjoni ta' dina l-kwistjoni jixraq li wieħed isemmi l-fatti kif ġraw quddiem dan il-Board fis-seduta tal-31 ta' Marzu, 1955. Malli dan ir-rikors kien ġie msejjaħ, l-intimat, permezz ta' l-avukat li kien qiegħed jassistieh, qajjem il-kwistjoni ta' l-irritwalità tar-rikors, billi hu ppretenda li fil-mori tal-ġudizzju dan ir-rikors kien ġie mibdul, billi, kif qal

hu, ir-rikors oriġinali kien fih in-numru "40" ta' Market Street (li hu numru żbaljat), mentri r-rikors attwali fih indikat numru "41" (li hu n-numru proprju għall-fond in kwistjoni). Biex isostni t-teżi tiegħu, l-intimat sejjah bħala xhieda lir-Reġistratur u l-iskrivan inkarikat mir-riċezzjoni ta' l-atti fir-Reġistru ta' dan il-Board. Meta l-intimat ra, bil-provi, li dak li hu kien qiegħed jeċċepixxi ma kienx skond il-fatti, huwa qajjem kwistjoni oħra, u ċjoè li l-kopja tar-rikors li kienet notifikata lilu ma kienetx taqbel ma' l-oriġinal li jinsab fil-Board, peress illi fl-atti tar-rikors li ġiet notifikata lilu dan il-fond kien indikat bin-numru "40", u għalhekk l-intimat talab differiment ħalli jkun jista' jirregola ruħu. Din it-talba għad-differiment ġiet mill-Board miċħuda, l-għaliex l-intimat ma kellux fondi oħra ħlief dak imsemmi fir-rikors, u għalhekk huwa kien jaf għal-liema fond it-talba tar-rikorrenti kienet qegħdha ssir. Wara li sar dana kollu, l-intimat issolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, u in sostenn ta' dina l-eċċezzjoni huwa offra, u fil-fatt ta, id-depożizzjoni tiegħu;

Mill-fatti kif fuq riepilogati jirriżulta biċ-ċar li dina l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ma ġietx mogħtija "in limine litis". Fit-trattazzjoni l-intimat ma ċaħadx li din l-eċċezzjoni għandha tiġi mogħtija fil-bidu tal-kawża, imma huwa sostna li l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tar-rikors, li hu kien qabel issolleva, ma kienet tfisser xejn. Però, għandu jiġi rilevat li hawnhekk ma jimpurtaniex x'kienet l-importanza ta' dik l-eċċezzjoni. Jibqa' l-fatt li l-intimat, qabel ma ssolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, issolleva u tratta kwistjonijiet oħra, u b'hekk huwa ġie irrikonoxxa l-kompetenza ta' dan il-Board li hu jieħu konjizzjoni tar-rikors. Infatti, kieku dan il-Board ma kienx kompetenti wkoll li jieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet li hu qabel kien issolleva;

Rat ir-rikors tal-konvenut, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li jiġi dikjarat li l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza minnu sollevata hi attendibili; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-Board iddeċieda li, billi l-appellant, qabel ma ssolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, issolleva l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità ta' l-appell, b'hekk irrikonoxxa li l-Board kien kompetenti li jaqta' dawk il-kwistjonijiet, u kwindi ma setax aktar jissolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Board;

Dan l-argument hu fallaċi. L-eċċezzjoni ta' l-irritwalità, li tammonta għan-nullità ta' l-istanza, mhux biss hi kwistjoni essenzjalment preliminari wkoll, imma anzi tirbaħ dik ta' l-inkompetenza; għax jekk hi nulla l-istanza, allura l-Board, għandu jew ma għandux ġurisdizzjoni, ma jistax jieħu konjizzjoni tal-kawża, stante li ma jkunx investit debitament biha; u lanqas jista' jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza. L-istess kwistjoni ta' inkompetenza jeħtieġ li tiġi diskussa fuq istanza valida. Għal hekk, skond l-art. 792 (2) Kap. 15, hi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' attijiet li tista' tiġi preġudikata jekk min jeċċepiha jkun ipproċeda għal attijiet oħra. Wara li jiġi maqtugħ jekk l-istanza hijiex valida jew le, u fil-każ li jiġi maqtugħ li hi valida, allura jiġi diskuss u deċiż jekk, malgrado li l-istanza hi ritwalment valida, il-Board huwiex kompetenti jieħu konjizzjoni tagħha;

Għalhekk ma kien xejn ostativ li tiġi sollevata l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, li għandha tiġi trattata quddiem il-Board u minnu deċiża;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tiddikjara li ma hemm xejn ta' ostakolu li l-Board jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-appellant, u tirrimetti l-proċess lill-Board għall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tiegħu;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellati.